**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 24/2012**

**Illum: 30 ta' Awwissu, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Martin Debono**
**(ID 519070(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Martin Debono, ta' 40 sena, iben Anthony u Josephine nee` Cassar, imwieled il-Pieta` fil-15 ta' Novembru 1970, residenti 17, Okella Agius, Qormi Road, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 519070(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Jannar 2012 u matul il-hamsa u ghoxrin xahar ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.

101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, liema reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh  u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22(2b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat Martin Debono talli huwa recidiv b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula u aktar talli kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta u datata 9 ta' Gunju 2008.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-kaz, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' traffikar ta' droga eroina u dan b'referenza ghall-perjodu tat-12 ta' Jannar 2012 u l-hamsa u ghoxrin xahar ta' qabel din id-data.  Ghalhekk l-akkuzi jirreferu ghall-perjodu ta' Dicembru 2009 sat-12 ta' Jannar 2012.

Il-Prosekuzzjoni qeghda ssejjes din l-imputazzjoni fuq ix-xhieda ta' erba' persuni – Miriam Caruana, Clint Dalton, Josef Tyler Zammit u Anthony Dalli – li lkoll indikaw lill-imputat odjern bhala l-persuna li, fil-perjodu li ghalih tirreferi din l-imputazzjoni, fornihom bid-droga eroina. L-imsemmija xhieda lkoll ikkonfermaw l-istqarrija rilaxxjata minnhom lill-Pulizija Ezekuttiva quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u eventwalment xehdu wkoll f'dawn il-proceduri.

Da parti tieghu, l-imputat qed jikkontesta din l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu nhar it-12 ta' Jannar 2012, wara li huwa gie arrestat u saritlu tfittxija fir-residenza tieghu li rrizultat fin-negattiv ghal sustanzi illeciti jew oggetti ohrajn relatati mad-droga[1], u wara li nghata s-solita twissija skont il-ligi u d-dritt li jikkonsulta ma' avukat, liema dritt huwa ma ezercitahx[2], l-imputat ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda,[3] kif fil-fatt kellu kull dritt li jaghmel, minghajr ma ssir l-ebda inferenza minn dan.

Mill-atti jirrizulta illi Miriam Caruana rrilaxxjat zewg stqarrijiet lill-Pulizija Ezekuttiva nhar l-4 ta' Settembru 2010 u nhar il-5 ta' Settembru 2010 rispettivament, waqt li kienet qeghda tigi nvestigata dwar diversi reati. Fit-tieni stqarrija ossia f'dik tal-5 ta' Settembru 2010[4], hija ndikat diversi persuni li minghandhom hija kienet tixtri d-droga eroina, liema stqarrija Caruana kkonfermatha bil-gurament taghha quddiem il-Magistrat Inkwirenti fis-6 ta' Settembru 2010.[5] F'din ix-xhieda, l-istess Caruana tikkonferma illi hija kienet ilha tiehu d-droga eroina minn meta kellha sittax-il sena, li kienet tixtri d-droga eroina minghand terza persuna, li kienet ilha taghmel dan zgur ghal perjodu ta' seba' snin u tispjega kif kienet tikkomunika mieghu sabiex tixtri d-droga, fejn kienet tiltaqa' mieghu, il-prezz li bih kienet tixtri d-droga minghandu u fejn kien izomm id-droga dan it-terz. Mistoqsija jekk kinitx tixtri d-droga minghand persuni ohrajn, issemmi diversi persuni, fosthom lill-"*Boccu li ma nafx x'jismu minn gewwa Rukkella Agius il-Hamrun u dan kemm iccempillu u jghidlek biex titla' u dan inqdejt l-ahhar ghandu fi Frar 2010*".[6] Imbaghad tkompli ssemmi persuni ohrajn li minghandhom xtrat id-droga, tghid ukoll illi ilha ma tiehu droga minn Marzu 2010 u li fiz-zmien tax-xhieda taghha, kienet qeghda zzomm bil-*methadone* u tkompli taghti d-dettalji

---

[1] F'dan is-sens ara x-xhieda ta' PC 213 Nicolai Borg, a fol. 90 sa 91 tal-process, ix-xhieda ta' l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Dennis Theuma, a fol. 32 sa 35 tal-process u l-kontro-ezami tal-istess, a fol. 250 sa 258 tal-process.

[2] Ara d-dikjarazzjoni iffirmatha mill-imputat, a fol. 36 tal-process.

[3] Ara l-istqarrija tal-imputat a fol. 37 tal-process.

[4] Ara din l-istqarrija esebita a fol. 17 sa 20 tal-process verbal li jinsab esebit a fol. 26 tal-process bhala Dok. OD 1.

[5] Ara din ix-xhieda a fol. 5 sa 14 tal-process verbal Dok. OD 1.

[6] Ara x-xhieda ta' Miriam Caruana, a fol. 8 tal-istess process verbal Dok. OD 1.

mitluba lilha dwar diversi terzi persuni li minghandhom kienet tixtri l-eroina, inkluz kif u fejn kienet tiltaqa' ma' dawn il-persuni sabiex tixtri d-droga.

L-istess Miriam Caruana, imbaghad, regghet xehdet quddiem il-Magistrat Inkwirenti nhar it-23 ta' Novembru 2010, fejn elaborat f'izjed dettal dwar ix-xiri, da parti taghha, tad-droga eroina minghand il-Boccu. Terga' tghid illi ma tafx x'jismu, imma taf li joqghod "*ir-Rukkella, il-Hamrun*" u tidentifika lill-Boccu bhala l-persuna li jidher f'ritratt muri lilha mill-Ufficjal Investigatur, l-Ispettur Theuma. Dan ir-ritratt juri proprju lill-imputat odjern.[7] Tghid illi kienet ilha tixtra d-droga eroina minghand il-Boccu "*minn Ottubru 2008 zgur*"[8] u li waqfet f'Marzu 2010. Tghid illi bil-prezz ta' €40, kien jaghtiha nofs gramma, li hija kienet iccempillu minn hanut faccata u cioe` minn Johnny's Bar u li huwa gieli kien jghidilha biex titla' "*r-Rukkella*" u gieli kien jinzel hu u jghidilha biex ma ddewmux. Tispjega fejn qieghed Johnny's Bar u tghid illi fih kien hemm "*telefon bil-flus*"[9], li sas-2.00 p.m., it-telefon tal-Boccu kien ikun ghadu mitfi u li kienu jghidu lit-tifel tal-*partner* tal-Boccu biex imur iqajjmu sabiex jaqdihom. Tghid ukoll illi mbaghad kienu jcemplulu wara li jqum fis-2.00 p.m. u li kulhadd kien jistenna biex jinqeda "*fir-Rukkella*". Tispjega wkoll li biex tinqeda, kienu jiltaqghu gewwa fil-kerrejja u li d-droga kienet tkun fuqu. Tghid ukoll illi dejjem qdieha "*mir-Rukkella*", li l-Boccu joqghod mal-mara tieghu, omm certu Telior, tispjega kif kienet titla' fil-kerrejja ghall-appartament minn fejn kienet tinqeda u tikkonferma li minghaliha hemm xi bieb tal-hadid fuq barra tal-appartament, ghalkemm qatt ma dahlet gewwa. Tghid ukoll illi kienet tinqeda minghandu kuljum, li gieli kienet tixtri nofs gramma bil-prezz ta' €40 u gieli pakkett (skont hi, n-nofs ta' nofs gramma) bil-prezz ta' €20. Tghid ukoll illi ghamel habta ibiegh pakketti bil-prezz ta' €20, ghalkemm kien ikun fihom piz ta' pakkett ta' €10. Tghid ukoll illi ghandu Pajero ahmar.

Miriam Caruana xehdet f'dawn il-proceduri fis-17 ta' Frar 2012.[10] F'din ix-xhieda tikkonferma li kienet semmiet lill-Boccu bhala wiehed mill-persuni li minghandu kienet tixtri d-droga u indikat lill-imputat bhala l-persuna li kienet qeghda tirreferi ghalih meta semmiet lill-Boccu. Tghid illi kienet tixtri pakketti bl-eroina minghandu kuljum u li kienet tmur il-Hamrun. Tghid ukoll illi kienet tixtri bil-prezz ta' €20 jew €30. Tispjega li kienet iccempel fuq il-*mobile* u tmur ghad-droga gewwa "*r-Rukkella*", il-Hamrun, ghaliex hemmhekk joqghod l-imputat. Tghid illi

---

[7] Ara r-ritratt esebit bhala Dok. DT, a fol. 52 tal-process u d-dettalji dwar il-persuna li tidher fl-istess ritratt, Dok. DT 1, a fol. 53 tal-process.
[8] Ara a fol. 41 tal-process verbal.
[9] A fol. 43 tal-process verbal.
[10] Ara x-xhieda taghha, a fol. 38 sa 56 tal-process.

kienet tixtri xi tlitt jew erba' pakketti kuljum u mistoqsija tghid kemm damet tixtri minghandu, tghid "*Domt hux ... 6 xhur zgur*".[11] Tikkonferma illi minghand il-Boccu, dejjem inqdiet minn Okkella Agius u tikkonferma wkoll li kienet tinqeda minghandu fiz-zmien li rrilaxxjat l-istqarrija taghha. Sussegwentement giet moqrija lilha l-parti relevanti fl-istqarrija rilaxxjata minnha fil-5 ta' Settembru 2010 u hija regghet ikkonfermatha.

In kontro-ezami, Caruana tghid illi hija m'ghandhiex kwistjonijiet mal-imputat u li kienet ilha ma tarah xhur. Tghid ukoll illi hija kienet tinqeda minghand l-imputat minn *flat* ossia kerrejja fil-Hamrun, li kien qieghed fl-ewwel sular (skont hi, mhux *ground floor* imma titla' t-tarag) u li l-imputat kien joqghod hemm mal-mara u mat-tifel. Tghid ukoll illi n-numru tal-appartament ma tiftakrux u li hi qatt ma dahlet gewwa l-appartament. Kienet tiltaqa' mieghu fl-ewwel sular, fl-indana u li gieli kien hemm hbieb taghha maghha meta xtrat minghandu. Semmiet min kienu dawn il-hbieb li kienet tmur maghhom u tghid illi m'ghadhiex tiehu droga.

Jirrizulta wkoll mill-atti illi certu Tyler Josef Zammit irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Ezekuttiva nhar il-21 ta' Ottubru 2010[12], liema stqarrija huwa kkonfermaha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-22 ta' Ottubru 2010[13] - u ghalhekk ftit izjed minn xahar wara l-istqarrija rilaxxjata minn Caruana. Fl-istqarrija tieghu, Zammit jigi mistoqsi dwar incident li sehh dakinhar stess tal-21 ta' Ottubru 2010 u li huwa ghal kollox estraneu ghall-kaz odjern. Skont l-istess Zammit, dakinhar, fuq struzzjonijiet ta' terza persuna, huwa ha xi basket li kien jikkontjeni diversi affarijiet gewwa l-*Forensic Unit*, l-Isptar Monte Karmeli sabiex dan jigi mghoddi lil certu Darren Borg u hekk kif mar gewwa l-Isptar b'dan il-basket, il-gwardjan sab borza zghira gewwa flixkun tax-*shampoo* li kien jinsab fl-istess basket. Mistoqsi jiehux droga, Zammit jghid illi huwa qata' d-droga, ghalkemm kien jiehu d-droga qabel, li huwa kien abbuza mill-eroina xi xahar qabel u li minn dakinhar zamm biss fuq il-*methadone*. Mistoqsi minghand min kien xtara l-eroina li ha xahar qabel, huwa jghid illi xtraha minghand certu wiehed jghidulu l-Boccu mill-Hamrun. Jghid illi xtara minghandu xi ghoxrin darba fuq perjodu ta' cirka tlett xhur u li kien jixtri pakkett tal-€20. Jghid illi minghand il-Boccu biss kien jinqeda u li biex jinqeda minghandu, kien imur fejn joqghod il-Hamrun, go kerrejja, fit-triq faccata tal-Ghassa tal-Hamrun. Jghid ukoll illi kien jinqeda minn wara grada tal-hadid tal-appartament tieghu. Huwa jindika lill-Boccu bhala l-persuna li jidher f'ritratt muri lilu mill-Ufficjal Investigatur, liema persuna huwa fil-fatt l-imputat odjern.

---

[11] A fol. 41 tal-process.
[12] Din tinsab esebita a fol. 5 u 6 tal-process verbal esebita bhala Dokument OD 3 li jinsab esebit a fol. 28 tal-process.
[13] Ara a fol. 9 sa 20 tal-process verbal Dok. OD 3.

Fix-xhieda tieghu tat-22 ta' Ottubru 2010, imbaghad, Zammit jikkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu, jghid illi ilu ma juza l-eroina xahar u illi kien ilu jiehu l-methadone tliet snin. Jghid illi kien beda jiehu l-eroina meta kellu xi sittax-il sena. Jerga' jikkonferma li Dok. BS juri l-persuna maghrufa bhala l-Boccu (ossia l-imputat odjern) u jghid illi dan l-ahhar kien jixtri d-droga minghandu. Jghid illi qabel kien jixtri d-droga minn Bormla u jsemmi l-isem ta' min kien jaqdih u li kien jixtri minghandu biss. Jghid illi kien jiehu b'€60 kuljum meta kien jiehu d-droga sew, li kien jixtri minghand dan ta' Bormla jew minghand il-Boccu, izda wara, fuq izjed domandi tal-Magistrat Inkwirenti, jghid ukoll illi kien jixtri minghand iehor minn Bormla u jsemmi ismu u l-laqam tieghu, iehor hdejn il-Boccu, il-Hamrun li jsemmih bil-laqam, u iehor minn Bormla, li jsemmih b'ismu. Jghid illi dawn jafhom il-Hamrun jew Bormla u li huwa ma jaghmilhiex maghhom izda jixtri minghandhom.

Josef Tyler Zammit xehed f'dawn il-proceduri fit-12 ta' Marzu 2012.[14] Jikkonferma illi dak iz-zmien kellu problema tad-droga, li kien jiehu l-eroina u jghid illi kien jixtri l-eroina minghand wiehed maghruf bhala l-Boccu. Kien isibu l-Hamrun, fejn id-dar tieghu, go kerrejja, li qeghda hdejn tal-gas. Ma kienx jaf x'jisimha l-kerrejja, izda jghid li tinsab vicin l-Ghassa tal-Hamrun. Jghid illi xtara minghandu kemm il-darba, darba kuljum u li kien ghamel dan ghall-perjodu ta' madwar seba' jew tmien xhur. Jghid illi kien ihallsu €30 u li kien jixtri tliet pakketti tat-€10 minghandu, b'piz ta' 0.1 grammi. Kien jiftiehem mal-Boccu bil-*mobile*, ghalkemm ma ftakarx fuq liema numru kien icempillu. Jispjega li kien icempillu, jiftehmu, jmur hdejn id-dar tieghu u jixtri d-droga. Huwa indika lill-imputat bhala l-persuna li kien qed jirreferi ghalih. Jghid illi sar jaf bil-Boccu minghand *junkies* u jghid illi l-bicca l-kbira nqeda minghandu u li qatt ma nqeda minghand haddiehor. Mistoqsi mill-Qorti dwar il-fatt illi fl-istqarrija tieghu, huwa qal illi xtara l-eroina minghand l-imputat xi ghoxrin darba fuq perjodu ta' tliet xhur u illi fix-xhieda tieghu qal li xtara kuljum ghal perjodu ta' xi seba' xhur, huwa jwiegeb "*iva imma ghax insejt ghax dan ilu xi sentejn*".[15] Jghid illi jahseb li kien ilu jinqeda minghandu izjed minn tliet xhur u jghid ukoll "*xi 5 xhur xi haga hekk ghax imbaghad kont dhalt il-habs. Forsi inqas minn 5 xhur*".[16]

L-istess Josef Tyler Zammit xehed in kontro-ezami darbtejn, fis-16 ta' Dicembru 2015[17] u fit-8 ta' Mejju 2017[18]. Fl-ewwel okkazzjoni, huwa jghid illi jaf li kien

[14] Ara x-xhieda tieghu a fol. 76 sa 85 tal-process.
[15] A fol. 85 tal-process.
[16] A fol. 85 tal-process.
[17] A fol. 280 sa 297 tal-process.

xehed diga` f'dawn il-proceduri, izda "*ma niftakarx ghax ilu hafna*".[19] Jikkonferma li kien akkwista l-eroina minghand l-imputat u wara jghid illi ma kienx akkwista eroina, imma basket. Meta gie ccarat lilu illi l-kawza ma kinitx tikkoncerna l-basket, izda li kien qieghed jixhed fil-kaz kontra Martin Debono, huwa jghid illi d-droga minghandu gabitha (ghall-Qorti hawnhekk huwa car illi x-xhud kien qieghed jirreferi ghall-kaz iehor li fil-fatt jissemma fl-istqarrija rilaxxjata minnu fil-21 ta' Ottubru 2010 u kkonfermatha bil-gurament fit-22 ta' Ottubru 2010). Jghid illi kien nesa ghax il-kaz kien ilu hafna u li ma riedx jinqabad f'gidba. Wara jghid illi jiftakar li kien qal li kien xtara l-eroina minghand l-imputat, ghall-ewwel jghid illi ma jafx x'kien il-laqam tieghu ghaliex nesa, izda wara jghid "*il-Bucc minghalija*".[20] Jghid illi ma jafx kif sar jafu, izda wara jghid illi kien hadu ghandu habib tieghu u wara jindika lil certu Joanne, habiba ta' siehbu, certu Gabriel, bhala l-persuna li haditu ghandu. Jghid illi kien ikun maghhom u li Joanne laqqghatu mal-imputat il-Hamrun. Jghid illi ma jiftakarx kif laqqghatu mieghu ghaliex dan sehh xi hames jew sitt snin qabel. Jindika l-gabbana tal-Hamrun u jghid illi kien jitkellem mal-imputat bit-telefon. Jghid illi huwa kellu n-numru tal-imputat dak iz-zmien, li dan taghtulu Joanne u li kien imur jiltaqa' mieghu d-dar, li kien ihabbatlu d-dar. Jghid illi gieli cempillu, imma izjed kien imur ihabbatlu d-dar biex jinqeda bl-eroina. Jghid illi ma jafx kemm kien jixtri ezatt ghax ghadda z-zmien, izda skont il-flus li kien ikollu. Jinsisti li nesa u jerga' jghid illi kien jixtri skont il-flus li kien ikollu. Jghid illi kien jixtri b'madwar €20, jigifieri zewg pakketti. Jghid illi ma jafx kemm kien ikun fih piz il-pakkett u jghid illi ma jafx x'inhi 'piz'. B'referenza ghall-fatt illi kien qal fix-xhieda tieghu illi kien jixtri bi €30 u li issa kien qed isemmi €20, jghid illi "*xi haga hekk*".[21] Jinnega li semma 0.1 grammi, jghid illi n-numru tieghu kien jafu izda issa ma jafux. Jerga' jghid illi Joanne kienet tatu n-numru, li gieli kien icempillu, izda l-iktar kien ihabbatlu. Jghid illi n-numru kien jafu, izda mhux bl-amment, ghaliex kien imnizzel fil-*mobile* tieghu. Jghid illi l-imputat kien jaqdih mid-dar, li kien ihabbatlu fuq il-bieb, li l-imputat kien jghix gewwa appartament fil-Hamrun, li kien jidhol fil-komun u li ma kienx jidhol gewwa fid-dar tieghu, izda jibqa' barra. Ma setax jghid x'kien in-numru tal-bieb u lanqas x'kien jisimha t-triq izda li kien qieghed fit-triq tal-gas, il-Hamrun. Ma jiftakarx il-kulur tal-bieb u lanqas kemm il-darba mar, li hu kien ikun wahdu ghalkemm ma jafx jekk l-imputat kienx ikun wahdu fl-appartament.

---

[18] A fol. 319 sa 324 tal-process.
[19] A fol. 280 tal-process.
[20] A fol. 283 tal-process.
[21] A fol. 291 tal-process.

Fit-tieni kontro-ezami tieghu, id-difiza tissuggerixxi lil Zammit illi l-ahhar darba li xehed huwa ammetta illi ma xtarax droga minghand l-imputat ghal-liema domandi, ix-xhud iwiegeb "*x'voldieri*?", "*x'voldieri ammettejt*?".[22] L-avukat difensur jerga' jghidlu illi jirrizulta illi x-xhud ma kienx xtara droga minghand l-imputat, ghal-liema dikjarazzjoni, ix-xhud iwiegeb illi dan il-kaz kien ilu hafna li sehh u li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk jafx lill-imputat, jghid illi ma tantx jafu u mistoqsi jekk qatt innegozjax mieghu, jghid illi ma jiftakarx. In ri-ezami, jghid li kellu problema kbira ta' droga u jghid illi jiftakar li xehed quddiem il-Qorti kif preseduta, li xehed fuq il-kaz ta' Joanne (hawnhekk ix-xhud qed jerga' jirreferi ghall-kaz iehor in konnessjoni mal-istqarrija rilaxxjata minnu) u jerga' jghid illi ma jiftakar xejn ghax il-kaz ilu hafna u kellu problema tad-droga. Jghid illi jiftakar li xehed izda ma jiftakarx dwar dak li kien xehed.

Jirrizulta wkoll mill-atti illi certu Clint Dalton irrilaxxja stqarrija lill-Pulizja Ezekuttiva nhar id-29 ta' Mejju 2011 u ghalhekk tmien xhur wara l-istqarrija originarjament rilaxxjata minn Caruana u seba' xhur wara l-istqarrija originarjament rilaxxjata minn Zammit, liema stqarrija huwa kkonfermaha quddiem il-Magistrat Inkwirenti nhar il-31 ta' Mejju 2011. Mill-provi prodotti, jirrizulta illi nhar id-29 ta' Mejju 2011, waqt li PC 525 Charlton Falzon Cascun flimkien ma' PC 1503 kienu qeghdin jaghmlu ronda gewwa l-Mosta, ghall-habta tas-6.00 p.m., huma raw vettura tal-ghamla Daihatsu Terios bin-numru ta' registrazzjoni EBJ 921 li kien fiha zewg persuni ossia certu Lee Farrugia u certu Clint Dalton (ID 416489(M)). Dawn qajjmulhom suspett. Minn tfittxija li saret fuq dawn il-persuni, instab qartas bi trab kannella fiz-zarbuna l-leminija ta' Dalton u seba' siringi godda fil-vettura, liema siringi kienu ghadhom issiggillati. Dawn gew arrestati u mehuda gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta.[23] PC 1503 jghid ukoll illi Dalton kien qalilhom li kien xtara s-sustanza misjuba fuqu minghand "*certu persuna jismu Martin Debono … il-Boccu*".[24]

L-Ufficjal Prosekutur esebixxa bhala Dokument DT 6, qartas kontenenti sustanza kannella, li giet elevata minn fuq il-persuna ta' Clint Dalton fid-29 ta' Mejju 2011[25]. Dan gie ikkonfermat minn PC 525 Charlton Falzon Cascun u PC 1503 fix-xhieda taghhom.

---

[22] A fol. 320 tal-process.
[23] Ara x-xhieda ta' PC 525 Charlton Falzon Cascun, a fol. 52 u 53 tal-process u x-xhieda ta' PC 1503 David Buhagiar, a fol. 54 sa 56 tal-process.
[24] A fol. 55 tal-process.
[25] Ara x-xhieda tal-Ispettur Theuma, a fol. 32 sa 35 tal-process.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu nhar id-29 ta' Mejju 2011, ikkonfermatha minnu kif inghad quddiem il-Magistrat Inkwirenti nhar il-31 ta' Mejju 2011,[26] Clint Dalton jikkonferma illi fiz-zarbuna li kien liebes instablu qartas bi trab kannella u jghid illi kien ilu bil-vizzju tal-eroina ghall-perjodu ta' xahrejn. Jghid illi f'dawn ix-xahrejn, huwa xtara d-droga eroina minghand wiehed mill-Hamrun, imlaqqam il-Boccu, li ma kienx jaf x'jismu. Jghid ukoll illi huwa jcempillu fuq in-numru 9958 5231, "*nghidlu li jien il-gingel w nghidlu is-soltu*".[27] Jghid illi dan jaqdih hdejn il-gabbana ta' quddiem l-Ghassa tal-Hamrun u li kien xtara d-droga eroina minghandu xi seba' darbiet, kull darba qartas ta' €20. Dalton imbaghad jaghraf lill-Boccu ossia l-persuna li minghandu jixtri d-droga eroina mill-Hamrun bhala l-persuna li tidher fir-ritratt immarkat bhala Dok. DT 1 u cioe` ritratt li juri lill-imputat odjern.

Clint Dalton xehed f'dawn il-proceduri fl-24 ta' Frar 2012.[28] Jikkonferma illi f'Mejju 2011, huwa kien gie arrestat u li fil-pussess tieghu, il-pulizija kienet sabet l-eroina. Jghid ukoll illi huwa kien gab din id-droga minghand il-Boccu u indika lill-imputat odjern bhala l-persuna li kien qed jirreferi ghalih. Jghid illi kien hallas €20 ghal din id-droga u li kien inqeda mill-pjazza tal-Hamrun. Jghid ukoll illi kien inqeda darbtejn minn ghandu fuq perjodu ta' gimgha u nofs. Sussegwentement, jghid ukoll illi jista' jkun li nqeda izjed drabi minghandu ghax nesa, izda kull darba kien jinqeda b'qartas ta' €20. Jghid illi biex jinqeda, huwa kien icempillu, jghidlu min hu u jiltaqghu l-pjazza. Jaghraf id-Dokument DT 6 bhala d-droga li kellu fuqu meta gie arrestat. Jikkonferma wkoll illi huwa kien irrilaxxja stqarrija, li kien ikkonfermaha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti u jaghraf il-firma tieghu u tal-Ispettur Theuma, kif ukoll l-istqarrija tieghu.

L-istess Clint Dalton xehed in kontro-ezami fil-21 ta' April 2015.[29] Huwa indika lill-imputat bhala l-persuna li minghandu darba kien xtara pakkett eroina. Jghid illi kien iltaqa' mieghu darba meta kien xtara dan il-pakkett minghandu. Jghid illi huwa kien ghamel telefonata lill-imputat, li huwa kien gab in-numru tieghu minghand terz li ma kienx jafu u li lil dan it-terz kien staqsih ghan-numru ta' xi hadd biex jixtri d-droga, huwa cempel lill-imputat u ltaqa' mieghu lejn il-pjazza tal-Hamrun. Rega' qal li xtara d-droga minghand l-imputat f'okkazzjoni wahda u meta gie mistoqsi kif allura kien xehed illi xtara d-droga minghandu darbtejn, ix-xhud jghid illi "*jista' jkun ghax ghadda hafna zmien u issa insejt*".[30] Mistoqsi

[26] Ara l-istqarrija ta' Clint Dalton, a fol. 4 tal-process verbal li jinsab esebit a fol. 27 tal-process bhala Dokument OD 2 u x-xhieda tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, a fol. 5 tal-istess process verbal.
[27] Ara a fol. 4 tal-process verbal, Dok. OD 2.
[28] Ara din ix-xhieda a fol. 68 sa 73 tal-process.
[29] Ara din ix-xhieda a fol. 265 sa 276 tal-process.
[30] A fol. 270 tal-process.

wkoll kif fl-istqarrija tieghu, huwa kien qal illi kien xtara minghand l-imputat seba' darbiet, jerga' jghid illi "*nghidlek il-verita` insejt issa ghax ghadda z-zmien*".[31] Jghid illi huwa jiftakar li xtara darba minghandu u mistoqsi allura kif kien xehed li xtara seba' darbiet, jerga' jghid illi nesa ghax kien ghadda z-zmien. Dwar il-fatt illi huwa kien irrefera ghal seba' darbiet fl-istqarrija tieghu u darbtejn fix-xhieda, jghid "*Bejn wiehed u iehor mela xi haga hekk ghax ma nafx ezatt*", jigifieri skont hu, "*Darba jew darbtejn, ma nafx ezatt*".[32] Jerga' jghid illi kien xtara vicin il-pjazza, li ma kien hemm hadd izjed prezenti meta huwa xtara d-droga u jghid illi nesa kemm kien hallas u li ma jafx jekk kienux Euro jew Liri Maltin dak iz-zmien. Jghid illi jahseb li l-persuna li tatu n-numru tal-imputat kien *user* u li dan kien qallu li n-numru huwa ta' wiehed jghidulu l-Boccu. Jghid illi huwa ra lill-imputat xi tlieta jew erba' darbiet, inkluz id-drabi li rah il-Qorti, u cioe` xi darba jew darbtejn fit-triq u darbtejn il-Qorti. In ri-ezami, jghid illi ma jiftakarx meta ltaqa' mal-imputat ghax ghadda z-zmien. Jikkonferma li kien irrilaxxja stqarrija u li kien ikkonfermaha bil-gurament quddiem Magistrat u jghid illi huwa cert li kien qed jaghraf lill-imputat u li kien qed jirreferi ghalih.

Jirrizulta wkoll mill-atti illi b'digriet tas-27 ta' April 2012, l-Ispizjar Mario Mifsud gie mahtur sabiex jezamina Dokument DT 6 ossia s-sustanza misjuba fil-pussess ta' Dalton meta huwa gie arrestat fid-29 ta' Mejju 2011. Biss ir-relazzjoni esebita mill-istess espert ma tirreferix ghas-sustanza hekk misjuba. Fil-fatt iz-zewg dokumenti li huwa analizza jikkonsistu, skont l-istess relazzjoni, f'borza tal-plastik li fiha kien hemm *label* bil-kliem "*Data: 26/2/06, Hin 22.13, Elevat/i minn gol-vettura, fil-prezenza ta' Martin Debono, minn LBDR 86128 Caruana, LBDR 86059 Muscat*". F'din il-borza kien hemm pakkett tas-sigaretti tal-marka "*du Maurier*" li kien vojt u zewg bicciet tal-*foil* b'ticpis kannella fuqhom. Kien hemm ukoll borza tal-plastik trasparenti b'*label* li tindika l-istess data u hin fuq imsemmija, bil-kliem "*Elevat/i minn idejn Martin Debono*" fil-presenza tal-istess persuni fuq imsemmija. Fil-borza imbaghad kien hemm tlett qratas tal-karti bi trab ta' lewn kannella go fihom, li kienu separatament imgezwra go bicciet tal-*foil*. Jidher car ghalhekk illi din m'hijiex is-sustanza li giet misjuba fil-pussess ta' Dalton. Apparti t-*tag* mal-esebit li tindika xort'ohra, PC 525 Charlton Falzon Cascun u PC 1503 jghidu li huma sabu qartas wiehed bi trab kannella fiz-zarbun ta' Dalton u seba' siringi godda. Ir-relazzjoni tal-Ispizjar Mifsud ghalhekk m'hija tal-ebda relevanza ghall-kaz odjern.

[31] A fol. 270.
[32] A fol. 271.

Kif inghad, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, Dalton jindika n-numru li fuqu kien icempel lill-imputat bhala 9958 5231, fil-waqt illi fl-istqarrija ta' Dalton, in-numru tieghu huwa indikat bhala 7747 6801. Kif inghad huwa kkonferma din l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

B'digriet tas-17 ta' Frar 2012, il-Qorti laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna lill-kumpaniji tat-telefon cellulari Go plc u Vodafone Malta Ltd. ifornu s-segwenti informazzjoni fuq zewg settijiet cellulari u cioe` z-zewg numri appena msemmija:

a) Dettalji ta' registrazzjoni tal-linji mid-29 ta' Mejju 2011 u fit-tliet xhur ta' qabel;
b) *Call profile* ghar-rigward iz-zewg linji msemmija, *incoming and outgoing calls* ghall-istess perjodu ta' zmien.

Sussegwentement, il-Qorti laqghet ukoll it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex is-*service providers* jipprezentaw ukoll il-lokalizzazzjoni taz-zewg numri tat-*telephones* cellulari fuq imsemmija, f'dawk l-istanzi fejn kien hemm komunikazzjoni effettiva bejniethom. Mix-xhieda ta' Anthony Bonnici[33], rapprezentant tal-kumpanija Go Mobile, jirrizulta illi l-istess kumpanija ma kellhiex dettalji dwar in-numru 7747 6801 ghax dan in-numru qatt ma kien tal-kumpanija fil-perjodu indikat. Ix-xhud ipprezenta l-*call profiles* dwar in-numru 9958 5231 mill-1 ta' Marzu 2011 sal-5 ta' Mejju 2011. Jghid ukoll illi fil-5 ta' Mejju 2011, dan in-numru ma baqax mal-kumpanija Go.

Wara li l-Qorti fliet dawn il-*call profiles* fuq Dok. AB1[34], tinnota illi jirrizulta illi saru s-segwenti telefonati min-numru 7747 6801 (indikat fl-istqarrija ta' Clint Dalton bhala n-numru tieghu) lin-numru 9958 5231 (li skont Dalton kien icempel fuqu lill-Boccu sabiex jinqeda minghandu):

| Numru fil-lista | Data | Hin | Lokalizzazzjoni |
|---|---|---|---|
| 1. 7827 | 3 ta' Mejju 2011 | 20:38 sa 20:39 | Burmarrad |
| 2. 7841 | 4 ta' Mejju 2011 | 14:28 (ma wegibx) | N/A |
| 3. 7842 | 4 ta' Mejju 2011 | 14:28 sa 14:28 | St. Venera |
| 4. 7851 | 4 ta' Mejju 2011 | 18:44 sa 18:44 | Paola |
| 5. 7856 | 4 ta' Mejju 2011 | 19:07 sa 19:07 | Triq il-Kbira, Hamrun |

[33] Ara a fol. 197 sa 198 tal-process.
[34] Esebit a fol. 199 tal-process.

Mix-xhieda ta' Michelle Penza ghan-nom ta' Vodafone Malta Limited[35], jirrizulta illi n-numru 9958 5231 kien tal-imsemmija kumpanija bejn il-5 ta' Mejju 2011 u d-29 ta' Mejju 2011. In-numru l-iehor ma kienx ta' din il-kumpanija. Hija esebiet il-*call profiles* dwar l-imsemmi numru bejn id-dati indikati.

Minn dan id-dokument, Dok. MP1[36], jirrizulta illi saru s-segwenti telefonati (u f'okkazzjoni wahda kien hemm *sms*) min-numru 7747 6801 lin-numru 9958 5231:

| Numru fil-lista | Data | Hin | Lokalizzazzjoni |
|---|---|---|---|
| 1. 66 | 6 ta' Mejju 2011 | 17:17:27 | Hamrun |
| 2. 84 | 6 ta' Mejju 2011 | 19:40:05 | Hamrun |
| 3. 185 | 8 ta' Mejju 2011 | 11:54:03 | Hamrun (*sms*) |
| 4. 489 | 12 ta' Mejju 2011 | 17:52:11 | Hamrun |
| 5. 499 | 12 ta' Mejju 2011 | 18:49:57 | Hamrun |
| 6. 557 | 13 ta' Mejju 2011 | 16:57:51 | Hamrun |
| 7. 819 | 15 ta' Mejju 2011 | 17:17:19 | San Guzepp_B |
| 8. 826 | 15 ta' Mejju 2011 | 17:56:59 | San Guzepp_B |
| 9. 908 | 16 ta' Mejju 2011 | 15:32:03 | Hamrun |
| 10.909 | 16 ta' Mejju 2011 | 15:35:31 | Hamrun |
| 11.912 | 16 ta' Mejju 2011 | 15:44:07 | Hamrun |
| 12.1240 | 18 ta' Mejju 2011 | 17:30:46 | Hamrun |
| 13.1248 | 18 ta' Mejju 2011 | 18:13:07 | Hamrun |

Jirrizulta wkoll mill-atti illi nhar id-19 ta' Lulju 2010, certu Anthony Dalli gie investigat mill-pulizija dwar pussess u uzu ta' droga. Dakinhar stess l-istess Dalli rrilaxxja stqarrija lill-pulizija, liema stqarrija huwa kkonfermaha bil-gurament tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti nhar l-20 ta' Lulju 2010.[37] Huwa jghid illi huwa jiehu l-eroina u li ilu jaghmel dan ghal madwar sitt snin. Jghid illi xi xahrejn qabel dahal jaghmel programm, izda ma rnexxielux jibqa' fih u hareg xi xahar qabel. Jghid illi huwa ha l-eroina minn meta hareg mill-programm, matul ix-xahar ta' qabel u li jiehu b'€10 eroina kuljum. Jghid illi f'dan l-ahhar xahar kuljum xtara l-eroina u jghid ukoll illi apparti persuna ohra li jirreferi ghalih izjed 'il quddiem, huwa jixtri minghand zewg persuni u cioe` wiehed li jghidulu l-Boccu, li ma kienx

[35] Ara x-xhieda a fol. 200 u 201 tal-process.
[36] Esebit a fol. 202 tal-process.
[37] L-istqarrija tad-19 ta' Lulju 2010 tinsab esebita a fol. 6 sa 10 tal-process verbal, esebit bhala Dok. OD 4 li jinsab esebit a fol. 63 tal-process. Ix-xhieda ta' Dalli quddiem il-Magistrat Inkwirenti tinsab esebita a fol. 11 sa 14 tal-process.

jaf x'jismu u li jmur jinqeda minghandu mill-kerrejja tal-Hamrun u iehor li gieli jaqdih Hal-Qormi. Dwar il-Boccu, huwa jghid illi dan l-ahhar xahar inqeda xi tliet darbiet minghandu, li jixtri minghandu b'€10 u li n-numru tal-*mobile* tieghu huwa 7917 1774. Jghid illi huwa jcempillu fuq dan in-numru, li ma jafx juzax karozza u qatt ma rah b'karozza ghaliex huwa jmur dejjem fil-*flat* tieghu gewwa l-kerrejja u jiftahlu l-bieb tal-*flat*. Jghid illi ma jafx x'numru ghandu l-*flat*, izda qieghed fl-ewwel sular. Jghid illi xtara xi erba' darbiet minghand il-Boccu u li xtara l-ahhar minghandu xi gimghatejn qabel. Dakinhar tal-arrest tieghu, kien ser jixtri d-droga minghand haddiehor u jsemmi lil din il-persuna. Din kienet l-ewwel darba li kien ser jixtri minghand din il-persuna, ghaliex f'okkazzjoni ohra, kien haddiehor li gab id-droga minghandu u huwa ma ltaqax mal-fornitur. Huwa jaghraf lil Boccu bhala l-persuna li tidher fir-ritratt muri lilu (bin-numru 1), li huwa l-imputat odjern.

Fix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-20 ta' Lulju 2010, imbaghad, Dalli jghid illi ghandu l-vizzju tad-droga eroina, li ghamel xahar gewwa programm izda hareg, u jghid illi jkollu bzonn b'€10 jew €20 eroina kuljum biex ifieq. Jghid illi dan l-ahhar kien qed jinqeda minghand terza persuna u minghand il-Boccu u li ma tantx kien ilu jinqeda minghandhom. Jghid illi kien jixtri minghandhom fl-ahhar xahar, minn meta hareg mill-programm. Jghid illi kien ilu barra mill-programm xi xahar u nofs. Dwar il-Boccu, jghid illi joqghod il-Hamrun, li jcempillu fuq in-numru tal-*mobile* u jmur ghandu, li n-numru kien qieghed fuq il-*mobile* tieghu u li jiltaqghu ghand il-Boccu, il-Hamrun. Jghid illi ma kienx jaf l-indirizz bl-amment, izda lill-pulizija qalilhom fejn kien joqghod. Jghid illi minghand il-Boccu xtara xi tliet darbiet. Jghid ukoll illi jixtri b'€10. Jikkonferma l-istqarrija tieghu u jindika lil Boccu bhala l-persuna li tidher f'ritratt PG1 u cioe` lill-imputat odjern.

Anthony Dalli xehed f'dawn il-proceduri fit-13 ta' April 2012.[38] Jghid illi fiz-zmien li huwa gie investigat mill-pulizija fis-sena 2010, huwa kellu problema ta' droga eroina u jikkonferma li fl-istqarrija tieghu, huwa kien semma lil min kien ibieghlu l-eroina. Isemmi t-terz li kien semma fl-istqarrija tieghu u lill-Boccu u jindikah bhala l-imputat odjern. Jghid illi ma kienx jinqeda minghandu ta' spiss, izda meta kien ikun hemm bzonn u li xtara l-eroina minghandu fuq perjodu ta' xi erba' xhur. Jghid illi f'dan iz-zmien, inqeda xi tletin darba. Jghid illi huwa kien icempillu u jiltaqa' mieghu l-Hamrun, li ma kienx jaf x'jisimha t-triq, izda kienet blokka ta' *flats* antiki, li ma kienx jaf x'jisimhom u jghid illi kien hemm grada. Jghid illi kien jinqeda fil-*flats* u li kien jaqdih l-imputat. Jghid illi gieli kien jixtri b'€10, ghalkemm mhux dejjem l-istess, u li din kienet tinghata lilu f'borza. Jerga'

[38] Ara x-xhieda tieghu a fol. 92 sa 104 tal-process.

jaghraf lill-Boccu fir-ritratt muri lilu bhala ritratt 1 u jerga' jindika lill-imputat u jerga' jikkonferma l-kontenut tal-istqarrija tieghu u tax-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza tikkontesta principalment il-kredibilita` u l-konsistenza tal-erba' xhieda principali tal-Prosekuzzjoni u tissottometti li a bazi ta' din ix-xhieda biss, il-Qorti ma tistax tasal sabiex issib htija fl-imputat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

Skond l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skont l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skont l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Dwar ix-xhieda ta' Caruana, id-difiza tissottometti fit-trattazzjoni finali taghha illi ghalkemm l-istess Caruana irreferiet ghall-imputat odjern bhala l-persuna li kien

forniha bid-droga eroina, biss ma specifikatx certu dettalji. Skont id-difiza, per ezempju, meta Caruana giet mitluba tipprovdi n-numru tal-*mobile* tal-imputat, hija ma kinitx kapaci taghti dan in-numru. Pero` il-Qorti tirrileva illi minn harsa lejn l-istqarrija guramentata u x-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, ma jirrizultax illi Caruana qatt giet mitluba biex tipprovdi dan in-numru. In oltre, ghalkemm id-difiza ssottomettiet ukoll illi Caruana ndikat anke persuni ohrajn li minghandhom kienet tixtri d-droga eroina, ma jfissirx b'daqshekk illi allura l-Qorti m'ghandhiex temmen il-verzjoni ta' Caruana illi kienet tixtri d-droga minghand l-imputat ukoll jew li allura dan ixejjen il-verzjoni ta' Caruana dwar l-imputat. Anzi dwar ix-xhieda ta' Caruana, ghalkemm il-Qorti ma kellhiex l-opportunita` li tisma' u tara hija stess lill-istess Caruana fuq il-pedana tax-xhieda, tista' tghid madankollu illi hemm konsistenza u dettal tali li jirrendu x-xhieda taghha bhala wahda kredibbli u verosimili ghall-ahhar u dan b'referenza kemm ghax-xhieda guramentata ta' Caruana f'zewg okkazzjonijiet quddiem il-Magistrat Inkwirenti, kif ukoll f'dawn il-proceduri. Il-Qorti tinnota wkoll illi quddiem il-Magistrat Inkwirenti, Caruana ma qaghdet lura xejn u indikat diversi persuni, apparti lill-imputat, li minghandhom kienet tixtri d-droga u li m'ghamlitx dan billi sempliciment indikat isem jew ismijiet, izda tat id-dettalji kollha mitluba lilha, inkluz meta xtrat id-droga, fejn kienet tiltaqa' mal-fornituri taghha, in-numri tal-*mobile* ta' whud minnhom u varji dettalji ohrajn, inkluz ukoll il-postijiet fejn il-fornituri kienu jahbu d-droga. Dan kollu, fil-fehma tal-Qorti, jirrendi l-verzjoni li tat l-istess Caruana bhala wahda kredibbli. Tinnota wkoll illi lanqas meta xehdet f'dawn il-proceduri, kemm in ezami, kif ukoll in kontro-ezami, Caruana ma qaghdet lura xejn milli tirrispondi ghad-domandi kollha li sarulha. In oltre fl-istqarrija guramentata taghha, Caruana lanqas ma llimitat ruhha li tikxef lil terzi persuni, izda spjegat ukoll x'kien l-involviment taghha f'kaz ghal kollox separat minn dan odjern, meta skont hi, ppruvat iddahhal id-droga l-habs u x'kien li wassalha sabiex taghmel dan. Wara li kkunsidrat dan kollu, il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiddubita mix-xhieda ta' Caruana, specjalment mix-xhieda li tat quddiem il-Magistrat Inkwirenti, liema xhieda kienet ferm izjed vicin iz-zmien li hija ssemmi bhala z-zmien li fih kienet xtrat l-ahhar id-droga eroina minghand l-imputat u cioe` fi Frar 2010. F'Marzu 2010 waqqfet tiehu d-droga eroina.

Dwar ix-xhieda ta' Josef Tyler Zammit, il-Qorti tinnota illi salv ghall-ahhar xhieda tieghu in kontro-ezami, ix-xhud baqa' konsistenti fl-asserzjoni tieghu illi huwa kien jixtri d-droga eroina minghand l-imputat odjern. Dan qalu kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija u kkonfermatha minnu bil-gurament fit-22 ta' Ottubru 2010, kif ukoll fix-xhieda tieghu in ezami tat-12 ta' Mejju 2012 u anke in kontro-ezami fis-16 ta' Dicembru 2015. Fil-kontro-ezami tat-8 ta' Mejju 2017, imbaghad, ix-xhud lanqas jghid illi ma kienx jixtri minghandu izda li ma jiftakarx. Dwar din

l-ahhar xhieda tieghu in kontro-ezami, il-Qorti tqis illi m'ghandhiex taghti affidament lil din ix-xhieda u dan ghaliex id-difiza bdiet il-kontro-ezami taghha billi sgwidat lix-xhud u li x-xhud thawwad meta konfrontat b'certi dikjarazzjonijiet mill-avukat difensur huwa evidenti mir-risposti tieghu. Ma kienx il-kaz fejn id-difiza sempliciment issuggeriet lix-xhud illi mhux minnu illi huwa kien xtara d-droga eroina minghand l-imputat, izda marret oltre u asseriet illi x-xhud kien qal u "ammetta" illi ma xtarax droga minghandu. Fil-fatt jidher car illi x-xhud ma bediex jifhem dak li kien qed jinghad lilu, kien skoncertat bl-uzu da parti tad-difiza tal-kelma "*ammettejt*" u minn hemm ix-xhud baqa' jinsisti li ma kien jiftakar xejn. Tqis ukoll illi ghalkemm ix-xhud ma kienx konsistenti f'certu dettalji bhal per ezempju t-tul ta' zmien li fih xtara d-droga minghand l-imputat (u dan meta wiehed iqabbel l-istqarrija guramentata tax-xhud fit-22 ta' Ottubru 2010 max-xhieda tieghu tat-12 ta' Mejju 2012) u l-ammonti ta' droga li kien jixtri minghandu (pakkett ta' €20 skont l-istqarrija guramentata, tliet pakketti ta' €10 il-wiehed u allura bi €30 skont ix-xhieda ta' Mejju 2012 u zewg pakketti ta' €10 jew €20 skont ix-xhieda ta' Dicembru 2015), il-Qorti ma tqisx dawn l-inkonsistenzi bhala tali li jxejjnu l-kredibilita` tax-xhieda ta' Zammit. Wiehed irid iqis illi izjed ma jghaddi zmien bejn xhieda u ohra, inqas wiehed ser ikun preciz fix-xhieda tieghu u dan b'mod partikolari fuq dettalji ta' xiri ta' droga – xiri ta' droga li, izjed iva milli le, isir ta' kuljum u minghand persuni differenti fuq perjodu ta' zmien twil. Fil-fatt skont l-istqarrija guramentata ta' Zammit, huwa kien ilu juza d-droga eroina fuq perjodu ta' sentejn jew tlieta u li kien jixtri minghand persuni diversi gewwa Bormla u l-Hamrun. Lanqas il-fatt illi Zammit jghid fl-istqarrija tieghu illi kien jixtri minghand il-Boccu biss, izda mbaghad fuq izjed insistenza jammetti darba tnejn li kien jixtri minghand persuni ohrajn ukoll jew li fix-xhieda ta' Mejju 2012 jerga' jghid illi ma kienx jixtri minghand haddiehor, ma jxejjnu l-kredibilta` tal-parti tax-xhieda tieghu fejn jghid illi kien jixtri minghand l-imputat odjern, ghaliex fid-dinja tad-droga huwa komuni hafna li persuna tkun reticenti li tikxef minn fejn tixtri d-droga u dan ghal ragunijiet ovvji. Il-Qorti tinnota wkoll illi f'partijiet ohrajn ferm rilevanti tax-xhieda tieghu, madankollu, Zammit baqa' konsistenti u dan fis-sens illi dejjem xehed illi huwa kien jinqeda minghand l-imputat minn *flat* jew kerrejja gewwa l-Hamrun, li tinsab fi triq tal-gass jew hdejn tal-gass, vicin l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, li huwa kien jidhol f'din il-kerrejja sabiex jinqeda u li qatt ma dahal gewwa l-*flat* tal-istess imputat. Jghid ukoll illi kien icempillu fuq in-numru tal-*mobile* sabiex jinqeda u f'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota li huwa perfettament verosimili li wiehed ma jiftakarx numru ta' *mobile* bl-amment. Fil-fatt kien biss wara l-insistenza tad-difiza dwar dan in-numru, minkejja li x-xhud qal kemm il-darba in kontro-ezami li dak iz-zmien kien jaf dan in-numru ghaliex kien imnizzel fuq il-*mobile* tieghu ghalkemm ma kienx jiftakru bl-amment, illi x-xhud biddel ir-rotta u beda jghid illi kien ihabbatlu fuq il-bieb kemm il-darba.

Tinnota wkoll il-Qorti illi bhax-xhud Caruana li kkonfermat li jekk jidhrilha sew, kien hemm xi bieb tal-hadid fuq barra tal-appartament tal-imputat, anke Zammit, fl-istqarrija guramentata tieghu, jghid illi  huwa kien jinqeda minn wara grada tal-hadid tal-appartament tal-imputat. Dan apparti illi jirrizulta car ukoll illi dawn iz-zewg xhieda kienu qed jirreferu dejjem ghall-kerrejja li tinsab vicin l-Ghassa tal-Hamrun, li da parti taghha, x-xhud Caruana tirreferi ghaliha bhala 'ir-Rukkella' b'referenza ghall-kerrejja li ggib l-isem 'Okkella Agius' fil-Hamrun u li t-tnejn jirreferu ghall-istess *modus operandi* u cioe` illi jcemplu lill-imputat fuq in-numru tal-*mobile* tieghu, imbaghad jinqdew minghandu gewwa l-kerrejja.

L-istess ghandha xi tghid il-Qorti dwar ix-xhieda ta' Anthony Dalli. Anke dan ix-xhud jghid fl-istqarrija guramentata tieghu u fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri illi huwa kien jixtri d-droga minghand l-imputat u bhal Caruana u Zammit jghid illi kien jinqeda minn kerrejja gewwa l-Hamrun, wara li jcempel lill-imputat fuq in-numru tal-*mobile* u bhalhom ukoll jghid illi kien jiltaqa' mieghu fil-kerrejja. Bhal Caruana, Dalli jghid ukoll illi kien jitla' fl-ewwel sular tal-kerrejja sabiex jinqeda minghand l-imputat u jsemmi wkoll grada meta jitkellem dwar il-kerrejja in kwistjoni. Il-Qorti tinnota li hemm diskrepanza bejn iz-zewg okkazzjonijiet li fihom Dalli xehed dwar id-drabi li huwa jghid illi kien xtara d-droga eroina minghand l-imputat odjern, izda tinnota wkoll illi fil-waqt illi fl-istqarrija originali tieghu, Dalli kien qed jirreferi ghal zmien ta' cirka xahar wara li hareg mill-programm, fix-xhieda tieghu, li nghatat minnu kwazi sentejn wara, huwa rrefera ghall-perjodu ta' erba' xhur li fih kien jixtri l-eroina minghand l-imputat. Fi kwalunkwe kaz, minkejja din id-diskrepanza, il-Qorti ma tqisx li m'ghandhiex taghti affidament lix-xhieda ta' Dalli fis-sens illi l-imputat kien ifornih bid-droga eroina u dan specjalment fid-dawl tal-fatt illi huwa korroborat fid-dettalji li jaghti b'dak li xehdu kemm Caruana, kif ukoll Zammit.

Fir-rigward tax-xhieda ta' Clint Dalton, il-Qorti mbaghad tinnota illi x-xhud kien konsistenti fis-sens illi baqa' jindika lill-imputat odjern bhala l-persuna li minghandu kien jixtri d-droga eroina fiz-zmien tal-arrest tieghu, ghalkemm ma kienx konsistenti fir-rigward tan-numru ta' drabi li jghid illi kien xtara d-droga eroina minghand l-imputat. Is-sottomissjonijiet tad-difiza dwar dan ix-xhud fil-fatt huma principalment dwar in-nuqqas ta' konsistenza tieghu fir-rigward tan-numru ta' drabi li huwa jghid illi xtara d-droga minghand l-istess imputat. Madankollu, il-Qorti tinnota illi kemm fl-istqarrija guramentata tieghu tad-29 ta' Mejju 2011, kif ukoll fix-xhieda tieghu tal-24 ta' Frar 2012, Dalton jghid illi kien jinqeda mill-imputat fil-pjazza tal-Hamrun (u fix-xhieda originali ta' Mejju 2011 isemmi l-gabbana quddiem l-Ghassa tal-Pulizija) u jghid illi kien jixtri minghandu pakkett ta' €20. Issa ghalkemm in kontro-ezami, fil-21 ta' April 2015, ix-xhud ghall-

ewwel jghid illi kien xtara l-eroina minghand l-imputat f'okkazzjoni wahda biss, ghalkemm ukoll izjed tard jghid illi ma kienx jiftakar ezatt ghaliex kien ghadda z-zmien, il-Qorti tinnota illi sa din ix-xhieda in kontro-ezami kienu ghaddew kwazi erba' snin minn meta x-xhud Dalton gie arrestat dwar is-sustanza li nstabet fil-pussess tieghu. Mhux biss, izda tinnota wkoll illi anke meta konfrontat fix-xhieda tieghu ta' Frar 2012 dwar jekk kienx xtara seba' darbiet, kif jghid originarjament f'Mejju 2011, jew darbtejn, kif jghid fi Frar 2012, huwa jghid illi jista' jkun li xtara izjed drabi minghand l-imputat ghaliex kien nesa. Il-Qorti tqis ukoll f'dan il-kuntest illi apparti li kif inghad, huwa tassew plawsibbli u verosimili li persuna tinsa certu dettal bhal kemm il-darba xtrat droga minghand l-istess persuna, biss ix-xhud dejjem baqa' konsistenti fil-verzjoni tieghu li kien jixtri l-eroina minghand l-imputat u dan kuntrarjament ghal dak li tissottometti d-difiza fis-sens illi x-xhud ma identifikax lill-imputat bhala l-fornitur tieghu, apparti li kien konsistenti wkoll f'dettalji ohrajn kif inghad izjed 'il fuq. Tqis in oltre illi ghalkemm mill-atti ma tirrizultax il-prova fil-grad rikjest mil-ligi illi s-sustanza li nstabet fil-pussess ta' Dalton kienet effettivament eroina, ghaliex kif inghad izjed 'il fuq, jidher illi l-Ispizjar Mario Mifsud esebixxa relazzjoni dwar sustanza jew sustanzi li m'ghandhomx x'jaqsmu xejn mal-kaz odjern, biss illi Dalton xtara l-eroina minghand l-imputat f'izjed minn okkazzjoni wahda, huwa evidenti ghall-Qorti minn dak li jghid originarjament fl-istqarrija tieghu, kif konfermata minnu bil-gurament, u dan fis-sens illi kull darba huwa kien jixtri pakkett ta' €20 minghand l-imputat odjern u li huwa kien jiftiehem mieghu bil-kliem '*is-soltu*' li jfisser ghalhekk illi Dalton inqeda f'izjed minn okkazzjoni wahda minghand l-imputat odjern. Tqis ukoll fir-rigward tal-*call profiles* dwar in-numru 9958 5231, li jipprovdi Dalton bhala n-numru li fuqu kien icempel lill-imputat (u ghalhekk kuntrarjament ghal dak li tissottometti d-difiza fis-sens illi Dalton ma kienx kapaci jipprovdi n-numru tal-*mobile* li fuqu kien icempel) illi ghalkemm mill-atti minn imkien ma jirrizulta illi dan kien in-numru tal-*mobile* tal-imputat fiz-zmien tal-arrest ta' Dalton, biss mill-*call profiles* esebiti verament jirrizulta illi Dalton kien icempel fuq in-numru minnu indikat u li cempel sbatax-il darba fuq dan in-numru bejn it-3 ta' Mejju 2011 u t-18 ta' Mejju 2011 (apparti *sms*) - u ghalhekk fix-xahrejn ta' qabel l-arrest tieghu - u in oltre il-lokalizzazzjoni ta' dan in-numru fuq l-istess *call profiles* tindika generalment il-Hamrun (fuq il-*call profiles* tal-kumpanija Vodafone) u 135, Triq il-Kbira, Hamrun (fuq il-*call profiles* tal-kumpanija Go) ossia ghalhekk vicin ir-residenza tal-imputat.

Meta tiehu dan kollu in konsiderazzjoni u tqis b'mod partikolari illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija msejjsa fuq ben erba' stqarrijiet guramentati u xhieda li lkoll identifikaw lill-istess imputat bhala l-persuna li minghandu l-istess xhieda kienu jixtru d-droga eroina u in oltre illi ghalkemm huwa minnu dak li tissottometti

d-difiza fis-sens illi fid-dinja tad-droga, persuni li jabbuzaw mid-droga jkunu jafu lil xulxin u li ghalhekk ikunu jafu wkoll lil min iforni d-droga eroina, biss f'dan il-kaz, il-Qorti tqis ukoll illi hawn si tratta ta' erba' persuni li gew investigati lkoll b'mod separat, f'kazijiet ghal kollox separati minn xulxin u fuq perjodu ta' zmien differenti li jibda minn Lulju 2010 sa Mejju 2011. Dan apparti wkoll illi Caruana, fix-xhieda taghha, tirreferi ghaz-zmien li fih hija kienet tixtri d-droga minghand l-imputat bhala li jmur lura minn Ottubru 2008 sa Frar 2010. F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fis-sens illi huwa traffika u forna d-droga eroina fil-perjodu li ghalih tirreferi l-istess imputazzjoni giet ippruvata sodisfacentement fil-grad rikjest mil-ligi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-imputat qed jigi addebitat ukoll bl-aggravju tad-distanza u dan fis-sens illi huwa biegh id-droga f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' post li fih normalment jiltaqghu z-zghazagh u dan ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta mir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri[39] illi Clint Dalton indikalu l-bankina ta' quddiem il-bar maghruf '*tal-Gas Brothers*' bhala l-post minn fejn l-imputat odjern kien bieghlu d-droga eroina. L-istess espert jikkonkludi illi a bazi ta' din l-indikazzjoni ta' Dalton u mill-konstatazzjonijiet li huwa ghamel fuq il-post in kwistjoni, jidher illi l-bar maghruf bhala '*tal-Gas Brothers*' (Triq Hal-Qormi, Hamrun), il-bar bl-isem "*Johnnie's Bar*" (fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun), il-pjazza fejn hemm l-istatwa ta' Fra Diegu u l-*Hamrun Kiosk* li hemm fl-istess pjazza, ilkoll jaqghu fid-distanza ta' mitt metru mill-post indikat mill-istess Dalton.

F'dan ir-rigward, il-Qorti ghalhekk hija mitluba tiddeciedi jekk dawn il-postijiet hekk indikati fir-relazzjoni tal-Perit Schembri ghandhomx jigu meqjusa bhala postijiet li fihom normalment jiltaqghu z-zghazagh. Dwar il-*bars* indikati, il-Qorti tqis illi fil-*bars* jiltaqghu hafna nies, u jista' jkun zghazagh ukoll, izda ma jidhrilhiex illi ghandha tqis dawn bhala postijiet fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh. Madankollu ghal dak li jirrigwarda l-pjazza tal-Hamrun jew il-*Hamrun Kiosk*, huwa ben risaput illi dan huwa post fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh specjalment fil-hinijiet ta' filghaxija u ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi dan l-aggravju gie ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi.

L-imputat gie addebitat ukoll bir-recidiva u bil-ksur ta' liberazzjoni kundizzjonata moghtija lilu b'sentenza datata 9 ta' Gunju 2008. Il-Prosekuzzjoni esebiet vera

[39] Din tinsab esebita bhala Dok. VS 1, a fol. 117 tal-process.

kopja ta' sentenza li ggib din id-data fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Martin Debono'[40], mil-liema jirrizulta illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dik is-sentenza huwa identiku ghal dak tal-imputat odjern. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi gie sodisfacentement ippruvat illi l-imputat f'dik is-sentenza huwa l-imputat odjern. Jirrizulta wkoll mill-istess sentenza illi dwar l-ewwel imputazzjoni ossia dik dwar pussess semplici tad-droga eroina, l-imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata ghall-perjodu ta' sentejn u ghalhekk sad-19 ta' Gunju 2010. Skont ix-xhieda ta' Caruana u Zammit, il-perjodu ta' zmien li fih huma kienu jixtru d-droga eroina minghand l-imputat kien jaqa' f'dawn is-sentejn u ghalhekk jirrizulta ppruvat illi l-imputat kiser din il-liberazzjoni kundizzjonata. Dwar din l-imputazzjoni, madankollu, stante illi kif inghad l-imputat gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor, l-addebitu tar-recidiva ma jirrizultax. Biss dwar it-tieni imputazzjoni, permezz tal-istess sentenza, l-imputat gie kkundannat ghall-piena ta' multa ta' elf Euro. Mill-atti ma jirrizultax jekk din il-multa gietx skontata, ossia jekk giet imhallsa jew konvertita f'terminu ta' prigunerija u ghaldaqstant, il-Qorti qed tqis lill-imputat recidiv biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[41]

## Kunsiderazzjonijiet dwar Piena

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat li sa Novembru 2010, kienet wahda refrattarja, konsistenti f'ben sbatax-il faccata. Jirrizulta mill-istess fedina penali illi l-imputat gie kkundannat dwar diversi reati fosthom reati kontravvenzjonali, reati bi ksur tal-Kap. 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta (f'izjed minn okkazzjoni wahda), serq aggravat (f'diversi okkazzjonijiet), tentattiv ta' serq u hsara volontarja, falsifikazzjoni ta' dokumenti u frodi b'eghmil qarrieqi u pussess semplici ta' droga (f'izjed minn okkazzjoni wahda). Dwar dawn, l-imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata (darbtejn), Ordni ta' *Probation* (darbtejn), pieni pekunjarji, sentenza ta' prigunerija sospiza u pieni ta' prigunerija effettiva (tliet darbiet).

Qieset ukoll in-natura u s-serjeta` tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u li l-imputat forna d-droga eroina lill-erba' persuni fuq perjodi ta' zmien differenti u f'diversi okkazzjonijiet, b'dan illi qeghda tqis biss il-perjodu ta' zmien li ghalih jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni, kif rizultanti mill-provi prodotti.

[40] Ara a fol. 57 sa 60 tal-process.
[41] F'dan is-sens ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Anthony Said' tal-10 ta' Lulju 2015.

Qieset ukoll illi l-piena ghar-reat ta' traffikar ta' droga ghandha tizdied bi grad stante li jirrizulta wkoll ippruvat l-aggravju tad-distanza.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-piena ta' multa tassattiva li qeghda timponi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u tal-piena ta' multa li qeghda timponi sabiex titratta mal-imputat dwar ir-reat ta' pussess semplici ta' droga mertu tal-ewwel imputazzjoni fis-sentenza tad-9 ta' Gunju 2008.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(f) u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni (a) kif migjuba kontra tieghu (inkluz l-aggravju tad-distanza), kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva u tal-ksur tal-kundizzjoni imposta fuqu permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tad-9 ta' Gunju 2008 u qeghda ghalhekk titratta mieghu ukoll dwar ir-reat ta' pussess semplici ta' droga eroina mertu tal-ewwel imputazzjoni fil-kaz deciz bl-isemmija sentenza tad-9 ta' Gunju 2008 u tikkundannah kumplessivament ghall-piena ta' sentejn u disa' xhur prigunerija effettiva – mil-liema ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati inzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mal-imputazzjonijiet li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza – u multa ta' elfejn, seba' mija u hamsin Euro (€2,750), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum. B'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri ossia s-somma ta' disa' mija, hamsa u hamsin Euro u dsatax il-centezmu (€955.19), rapprezentanti l-ispejjez konnessi mal-inkarigu tal-Perit Valerio Schembri, liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sentejn mil-lum. Il-Qorti m'hijiex qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud stante li kif inghad din ma kinitx relevanti ghall-kawza odjern.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza esebita bhala Dokument DT6 hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat